2024/208

12.1.2024

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/208

tal-10 ta' Jannar 2024

li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 14(5) tiegħu,

Wara li kkonsultat mall-Kumitat Permanenti dwar il-Prodotti Bijoċidali,

Billi:

(1) It-tetraborat tad-dissodju ġie inkluż fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bħala sustanza attiva għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8. Skont l-Artikolu 86 tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, ġie għalhekk meqjus bħala approvat skont dak ir-Regolament soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE.

(2) Fit-28 ta' Frar 2020, tressqet applikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 13(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012 għat-tiġdid tal-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 ("l-applikazzjoni").

(3) Fit-2 ta' Lulju 2020, l-awtorità kompetenti li tevalwa tan-Netherlands infurmat lill-Kummissjoni li kienet iddeċidiet, skont l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012, li kienet meħtieġa evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni. Skont l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament, l-awtorità kompetenti li tevalwa għandha, fi żmien 365 jum mill-validazzjoni tagħha, twettaq evalwazzjoni sħiħa tal-applikazzjoni.

(4) L-awtorità kompetenti li tevalwa tista' kif meħtieġ, titlob lill-applikant jipprovdi *data* suffiċjenti li tippermetti li titwettaq l-evalwazzjoni, f'konformità mal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012. F'dak il-każ, il-perjodu ta' 365 jum jiġi sospiż għal perjodu li ma għandux jaqbeż il-180 jum b'kollox sakemm ma tkunx iġġustifikata sospensjoni itwal min-natura tad-*data* rikjesta jew min ċirkostanzi eċċezzjonali.

(5) Fi żmien 270 jum minn meta tirċievi rakkomandazzjoni mill-awtorità kompetenti li tevalwa, l-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi ("l-Aġenzija") għandha tħejji u tissottometti opinjoni dwar lill-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-approvazzjoni tas-sustanza attivaf'konformità mal-Artikolu 14(3) tar-Regolament (UE) Nru 528/2012.

(6) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1290 ([3]) pposponiet id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 għat-28 ta' Frar 2024 sabiex ikun hemm biżżejjed żmien għall-eżami tal-applikazzjoni.

(7) Fl-1 ta' Settembru 2023, l-awtorità kompetenti li tevalwa tan-Netherlands infurmat lill-Kummissjoni li l-evalwazzjoni se tiddewwem minħabba l-bżonn li tiġi vvalutata *data* addizzjonali li l-applikant intalab jipprovdi.

([1]) ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1.
([2]) Id-Direttiva 98/8/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 dwar it-tqegħid fis-suq tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 123, 24.4.1998, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1290 tat-2 ta' Awwissu 2021 li tipposponi d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 (ĠU L 279, 3.8.2021, p. 47).

(8) Konsegwentement, minħabba raġunijiet lil hinn mill-kontroll tal-applikant, l-approvazzjoni x'aktarx tiskadi qabel ma tkun ittieħdet deċiżjoni dwar it-tiġdid tagħha. Għalhekk huwa xieraq li d-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tiġi posposta ulterjorment għal perjodu ta' żmien suffiċjenti biex ikun jista' jiġi finalizzat l-eżami tal-applikazzjoni. Wara li tqiesu l-limiti taż-żmien għall-evalwazzjonijiet mill-awtorità kompetenti li tevalwa, u għat-tħejjija u għas-sottomissjoni mill-Aġenzija tal-opinjoni tagħha u ż-żmien meħtieġ sabiex il-Kummissjoni tiddeċiedi jekk iġġeddidx l-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8, jenħtieġ li d-data tal-iskadenza tiġi posposta għall-31 ta' Awwissu 2026.

(9) Wara l-posponiment ulterjuri tad-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni, it-tetraborat tad-dissodju jibqa' approvat għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness I tad-Direttiva 98/8/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-data tal-iskadenza tal-approvazzjoni tat-tetraborat tad-dissodju għall-użu fil-prodotti bijoċidali tat-tip ta' prodott 8 stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/1290 hija posposta għall-31 ta' Awwissu 2026.

L-Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Jannar 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN